MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 46/2008/1

**Rikors ta' Frank V. Fenech fl-atti tal-Ittra Uffiċjali numru 46/2008 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud illum Kummissarju tat-Taxxi b'effett minn Jannar 2012**
***versus***
**Frank V. Fenech**

1. Dan huwa appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["il-Kummissarju"] minn deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali li laqgħet talba

magħmula minn Frank V. Fenech ["ir-Rikorrent"] b'rikors tas-6 ta' Frar 2008 biex tgħid illi t-talba magħmula kontrieh mill-Kummissarju b'ittra uffiċjali numru 46/2008 għall-għanijiet tal-art. 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406] hija infondata.

2. L-art. 59 tal-Kap. 406, li taħtu kienet saret it-talba tal-Kummissarju, igħid hekk:

**59.** (1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju … … …

3. It-taxxa mitluba mill-Kummissarju hija dik dovuta mis-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited* (C20077) ["is-Soċjetà"] iżda, fil-fehma tal-Kummissarju, ir-Rikorrent ukoll, bħala rappreżentant tas-Soċjetà, huwa marbut li jħallas it-taxxa taħt l-art. 66(5) tal-Kap. 406:

**66.** (5) Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna:

4. Il-Kummissarju innotifika lis-Soċjetà – iżda mhux ukoll lir-Rikorrent – b'nota ta' talba għall-ħlas kif irid l-art. 59(2) tal-Kap. 406. Billi l-ħlas baqa' ma sarx il-Kummissarju, b'att ġudizzjarju magħmul taħt l-istess sub-artikolu biex jikseb titolu esekuttiv, sejjaħ lir-Rikorrent biex iħallas. Ir-Rikorrent għamel oppożizzjoni għat-talba b'rikors tas-6 ta' Frar 2008 għar-raġuni, fost oħrajn, illi ma kienx notifikat bin-nota ta' talba għall-ħlas.

5. L-ewwel qorti laqgħet l-oppożizzjoni tar-Rikorrent għal raġunijiet li ġew minnha mfissra hekk:

«[Ir-]raġuni [mressqa mir-Rikorrent kontra t-talba tal-Kummissarju] tirrigwarda l-fatt li r-rikorrent ma kien irċeva ebda nota bħal dik imsemmija fl-artikolu 59 tal-Kap. 406 sabiex it-talba tal-Kummissarju tkun tista' tiġi reża eżekuttiva. Huwa ammess mill-istess Kummissarju fir-risposta tiegħu għal dan ir-rikors illi r-rikorrent personalment qatt ma ntbagħtitlu ebda nota bħal din. Madankollu jissottometti illi din in-nota ma kenitx meħtieġa, peress illi l-liġi tistipula illi din għandha tintbagħat biss lill-persuna reġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u *cioè* fil-każ preżenti s-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited*.
«… … …
«Huwa evidenti biżżejjed li l-liġi hawnhekk tistipula illi n-nota ta' talba għall-ħlas trid issir lill-persuna li tkun qed tintalab biex tħallas it-taxxa allegatament dovuta, fil-każ tagħna allura mhux biss lis-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited*, imma wkoll lir-rikorrent fil-kwalità personali tiegħu. Imkien f'dan l-artikolu l-liġi ma tgħid li n-notifika għandha ssir biss lill-persuna reġistrata magħha bħala t-*taxpayer,* kif qed jallega l-Kummissarju. Kif inhu spjegat fl-istess artikolu 59(1) din in-nota tagħti lill-Kummissarju titolu eżekuttiv, "kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja" u din il-prova jista' jġibha biss min ikun ġie notifikat bl-istess nota, u mhux ukoll min lanqas biss ma jkun jaf biha, bħal ma ġara fil-każ in eżami fir-rigward tar-rikorrent. Dan qatt ma ngħata l-opportunità jiddefendi ruħu mill-pretensjoni tal-Kummissarju, kontra l-prinċipju tal-ġustizzja naturali ta' *audi alteram partem,* u għalhekk in-nota in kwistjoni qatt ma setgħet tagħmel stat ta' titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu. Konsegwentement, l-ittra uffiċjali li ttentat tirrendi t-titolu eżekuttiv li kien inkiseb biss fil-konfront tas-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited*, eżegwibbli wkoll fil-konfront tar-rikorrent, kienet nulla għal dak li jirrigwarda lilu personalment, billi ma saritx in segwitu għal titolu eżekuttiv miksub kontra tiegħu wkoll.»
6. Il-Kummissarju appella minn din id-deċiżjoni b'rikors tas-26 ta' Ottubru 2009. L-aggravji tiegħu fissirhom hekk:

«(1) Illi fl-ewwel lok, l-imsemmi artikolu jipprovdi illi n-nota in kwistjoni għandha tiġi notifikata lill-persuna li mingħandha hija dovuta t-taxxa u l-penali amministrattiva. Fl-umli opinjoni tal-esponenti, dan ifisser illi din in-nota ta' talba għall-hlas għandha tiġi notifikata lill-persuna taxxabbli (kif definita fl-artikolu 5 tal-Kap. 406) li b'riżultat tal-attività ekonomika tagħha ssir dovuta tali taxxa u penali amministrattiva u kwindi n-nota għandha tiġi notifikata lill-persuna reġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, f'dan il-każ lis-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited*. L-istess artikolu ma jipprovdix illi din in-nota għandha tintbagħat ukoll lir-rappreżentanti tal-persuna reġistrata mad-Dipartiment meta din ma tkunx persuna fiżika.

«Il-liġi tagħmel distinzjoni ċara bejn persuna taxxabbli u r-rappreżentant tagħha. Din id-distinzjoni tirriżulta mill-artikolu 66 tal-Kap. 406. L-artikolu 66(1) jipprovdi illi: "Kull segretarju, *manager*, direttur, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew *trustee* ta' xi persuna oħra jew ta' xi *trust*, *fund*, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, *trust*, *fund* jew enti ieħor, skond il-każ". L-istess artikolu jkompli billi jsemmi l-obbligi u r-responsabbiltajiet tar-rappreżentant ta' persuna u għalhekk ikompli billi jiddistingwi bejn 'persuna' u 'rappreżentant' ta' tali persuna: "Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna ...".

«Illi l-artikolu 59(2) jipprovdi speċifikatament illi l-ħlas dovut lill-Kummissarju jrid isir fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna u għalhekk fl-umli opinjoni tal-esponenti, *in vista* tad-distinzjoni ċara fl-Att bejn rappreżentant ta' persuna u l-istess persuna, in-nota ta' talba għall-ħlas għandha tiġi notifikata biss lil-persuna reġistrata bħala *taxpayer* u *cioè* f'dan il-każ lis-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited* u mhux ukoll lid-diretturi tagħha *qua* rappreżentanti.

«Illi *ubi lex voluit dixit* u kwindi li kieku l-leġislatur ried illi n-nota ta' talba għall-ħlas tiġi notifkata wkoll lir-rappreżentanti tal-persuna reġistrata bħala *taxpayer*, il-ligi kienet tispeċifika dan b'mod ċar.

«(2) Fit-tieni lok, fir-rigward tar-raġunar tal-ewwel onorabbli qorti fis-sens illi l-ittra in kwistjoni hija nulla fil-konfront tar-rikorrent personalment in kwantu ma saritx in segwitu għal titolu eżekuttiv miksub kontra tiegħu wkoll, fl-umli opinjoni tal-esponenti l-Kap. 406 ma jikkontemplax illi l-Kummissarju għandu jikseb titolu eżekuttiv fil-konfront ta' kull rappreżentant ta' persuna.

«L-artikolu 66(5) tal-Kap. 406 jipprovdi illi: "Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna ...". Illi għalhekk, peress illi r-responsabbilità tar-rappreżentant hija solidali, l-intenzjoni tal-leġislatur ma kinitx illi jottjeni iżjed minn titolu eżekuttiv wieħed għall-istess ammont. It-titolu eżekuttiv li jottjeni l-Kummissarju huwa wieħed u *cioè* huwa l-avviż li jintbagħat lill-persuna taxxabbli. Fil-mument illi l-Kummissarju jottjeni t-titolu eżekuttiv imsemmi, dan ikun enforzabbli kemm fil-konfront tal-persuna taxxabbli u kif ukoll fil-konfront tar-rappreżentant tal-persuna bis-saħħa tal-imsemmi artikolu 66(5) u dan wara li jiġu notifikati b'ittra ġudizzjarja *ai termini* tal-artikolu 59(2) tal-Kap. 406.

«Fil-każ in eżami l-Kummissarju ħareġ avviz fil-konfront tas-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited* li, bis-saħħa tal-artikolu 59(1) tal-Kap. 406, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv favur l-istess Kummissarju kontra tali soċjetà għall-ammonti ta' taxxa u penali amministrattivi minnha dovuti. *Ai termini* tal-artikolu 66(5) tal-Kap. 406, ir-rikorrent, in kwantu direttur tas-soċjetà *Auto Repairs and Services Limited* u kwindi in kwantu rappreżentant tal-istess soċjetà *ai termini* tal-artikolu 66(1) tal-Kap. 406, huwa responsabbli b'mod solidali mal-istess soċjetà *Auto Repairs and Services Limited* għall-ammonti dovuti mis-soċjetà lill-Kummissarju bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv hawn fuq imsemmi, liema titolu eżekuttiv ġie reż eżegwibbli fil-konfront tar-rikorrent bis-saħħa tal-ittra uffiċjali in kwistjoni.

«Għaldaqstant, il-Kummissarju intimat aġixxa skont il-liġi u ma tirriżulta l-ebda irregolarità jew nuqqas *da parte* tal-Kummissarju b'riżultat tal-fatt illi ma bagħatx nota ta' talba

għall-hlas lir-rikorrent u kwindi l-ittra uffiċjali in kwistjoni hija valida.»

7. Ir-Rikorrent wieġeb fis-16 ta' Novembru 2009 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud.

8. Essenzjalment il-kwistjoni f'dan l'appell hija jekk in-nota ta' talba għall-ħlas magħmula għal dak li jgħid u jrid l-art. 59(2) tal-Kap. 406 għandhiex tiġi notifikata biss lill-persuna taxxabbli – fil-każ tallum is-Soċjetà – kif igħid il-Kummissarju, jew għandhiex tiġi notifikata wkoll lil min, bħar-Rikorrent bħala rappreżentant tas-Soċjetà, il-Kummissarju jrid illi jinħarġu mandati eżekuttivi kontra tiegħu.

9. Ir-Rikorrent igħid illi qatt ma ġie notifikat bin-nota ta' talba għall-ħlas, u għalhekk il-Kummissarju ma setax ikompli għaddej bil-pass li jmiss, *i.e.* talba b'att ġudizzjarju u l-ħruġ ta' mandati esekuttivi. Il-Kummissarju jgħid illi huwa biżżejjed illi n-nota ta' talba għall-ħlas tkun notifikata lill-persuna reġistrata mad-dipartiment bħala persuna taxxabbli għax il-liġi tiddistingwi bejn "persuna", li hija l-persuna taxxabbli, fil-każ tallum is-Soċjetà, u "rappreżentant" u trid illi n-notifika ssir lill-"persuna" u mhux lir-"rappreżentant".

10. Il-Kummissarju jgħid ukoll illi "li kieku l-leġislatur ried illi n-nota ta' talba għall-ħlas tiġi notifkata wkoll lir-rappreżentanti tal-persuna reġistrata bħala *taxpayer*, il-ligi kienet tispeċifika dan b'mod ċar". Il-punt iżda ma huwiex jekk in-nota għandhiex tiġi notifikata lir-rappreżentanti tal-persuna taxxabbli, iżda jekk għandhiex tiġi notifikata lil dik il-persuna li mingħandha l-Kummissarju jrid jiġbor il-ħlas bil-ħruġ ta' mandati esekuttivi.

11. L-istess meta l-Kummissarju jgħid illi "l-Kap. 406 ma jikkontemplax illi l-Kummissarju għandu jikseb titolu eżekuttiv fil-konfront ta' kull rappreżentant ta' persuna". Il-punt ma hux jekk il-Kummissarju għandux jikseb titolu eżekuttiv kontra kull rappreżentant ta' persuna taxxabbli, iżda jekk jistax jikseb il-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra dawk il-persuni biss li dwarhom ikun għamel il-proċedura meħtieġa biex jikseb titolu eżekuttiv, *inter alia* bin-notifika ta' nota ta' talba għall-ħlas.

12. Fil-fehma tal-qorti, ir-rabta tal-kliem tal-art. 59(2) ma jagħtix raġun lill-Kummissarju. Dak is-sub-artikolu jgħid illi l-Kummissarju jista' jiġbor il-ħlas "wara jumejn min-notifika

*lil dik il-persuna* ta' talba għall-ħlas" li ssir b'att ġudizzjarju. "Dik il-persuna" hija ovvjament referenza għall-"persuna" li tissemma' aktar 'il fuq fl-istess subartikolu, *viz.* (i) il-persuna li għandha tħallas it-taxxa u l-penali amministrattiva – li ma hijiex biss il-persuna reġistrata iżda wkoll ir-rappreżentanti tagħha għax dawn ukoll "għandhom iħallsu" t-taxxa u l-penali – u (ii) dik il-persuna li ma tkunx ħallset "fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna". Fil-każ tallum jista' jkun li r-Rikorrent huwa persuna li għandha tħallas it-taxxa[1] iżda ma huwiex il-persuna li lilha ġiet notifikata n-nota ta' talba għall-ħlas; għalhekk, sakemm ma ssirx dik in-notifika lir-Rikorrent u sakemm ma jgħaddix iż-żmien li trid il-liġi wara dik in-notifika, ir-Rikorrent ma huwiex persuna li kontra tagħha l-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor il-ħlas bil-ħruġ ta' mandati esekuttivi.

13. Tajjeb li jingħad ukoll illi mkien fl-art. 73 tal-Kap. 406, dwar notifika ta' avviżi, ma jingħad illi notifika lill-persuna taxxabbli titqies ukoll bħala notifika lir-rappreżentanti għall-għanijiet tal-art. 59. Ukoll, fl-art. 2 dwar tifsira tal-kliem ma jingħadx illi "persuna" tfisser biss "persuna taxxabbli"; anzi, hemm tifsiriet differenti għal "persuna" u għal "persuna taxxabbli". Għalhekk meta fl-art. 59(2) tissemma "notifika lil dik il-persuna" ir-referenza ma hijiex biss għall-persuna taxxabbli.

14. Għal dawn ir-raġunijiet, u wkoll għar-raġunijiet mogħtija mill-ewwel qorti, din il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Jekk ir-Rikorrent huwiex persuna li għandha tħallas it-taxxa bħala reppreżentant tal-persuna taxxabbli huwa kontestat, iżda dwar dan l-ewwel qorti ma tatx deċiżjoni.